KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07

18 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fil-11:20am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 07

1.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji
1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti Nru. 06
1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
1.4 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva
1.5 Ilmenti u suġġerimenti
1.6 Approvazzjoni tal-pagamenti
1.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 06

1.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.06 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

### 1.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Triq Paranji: Kien hemm svolta differenti; il-gimgha dd diehla se ssir l ewwel kisja ta' asfalt. Bhalissa qed isir r-romblu u l gutter. Se ssir l-ewwel kisja biss minhabba xi movimenti minhabba xi ilmijiet li jista' jkun hemm biex ma tergax tinqala' ttriq jekk ikun il-kaz. Se tibqa' bl-ewwel kisja bhalissa. Imbaghad ssir il-kisja ta' wara kollox mill-fondi tal-MGOZ. Il-
1.4 parti l-gdida ta' din it-triq mhix inkluza fil-commitment li kien sar mal MGOZ ghax dik il-parti dakinhar kienet ghada mhux miftuha. Il-kuntratt ghal dawn il-fondi ghadu mhux ffirmat. Il-perit tal-Kunsill hejja il-BOQ biex il-Kunsill eventwalment jipprezentaha lil MGOZ ghal kunsiderazzjoni. Kien hemm diversi problemi u sfidi f'din it-triq inkluz il-livelli li issa
1.4.1 gew solvuti. Maria Cassar Sultana semmiet li hemm xi ilam li johrog f nofs tat triq u s Sindku qal li se jinvestiga u jaghti rendikont lil Kunsill sal Laqgha li jmiss.
Triq Xamghan: waslu fl ahhar fazi quddiem il Muzew. Saru 2 mains tal ilma fil gnub tat triq u qed jghaddu d drenagg. Kien hemm xi periklu minhabba li riedu jizdiedu xi barriers u dan sar. Ghal nofs jew l ahhar ta' Jannar probabli jibda l asfaltar ta' din it-triq.
1.4.2 Triq 28 ta' April: Il-Kunsill se japlika ghal fondi DPF kif spjega s-Sindku ghal dan il Pogett ghax ma kienx hemm flus mahsuba ghal dan , u l-Kunsill kollu qabel li ssir din l-applikazzjoni mad-DPF flimkien ma' talbiet ohra li hemm bzonn isiru ghal iktar fondi ghal progetti bhal tas-CCTVs li bhal mhu se tispjega s- Segretarja izjed tard, m hemmx fondi bizzejjed ghalihom. Il Kunsill qabel unanimament li jsiru applikazzjonijiet mad DPF skond kif hemm bzonn sabiex jithallsu l progetti tal-Kunsill li jkunu dejjem gew approvati gol-Laqghat tal Kunsill. Is sindku qal li jrid jkun hemm tenders ghal fanali u repaving u regeneration ta' dan il Beleveder.
Sala tal-iskola: Is sala tal banda hija pjuttost zghira ghall events kollha tal Kunsill
1.4.3 u gieli gejna bzonn tas sala tal iskola spoecjamelmnent meta t temp ma jkunx idoneju ghal events barra. Is sindku wieghed li l Kunsill jipprova jghin l iskola ghal sistema ta dawl u sound gdid ghas sala tal iskola mid DPF funds allokati lil

Kunsill Sannat sa massimu ta Eur10,000 jekk il Kunsill japprova. Il Kunsill qabel ma' dan l ammont jekk id DPF japprova dan l ammont imma mhux iktar minn Eur10,000 ghax dawn huma fondi allokati ghal Ta' Sannat Projects mhus Education projects. Fil fatt se ssir laqgha mad DPF minhabba din il haga fil granet li gejjin.

1.4.4 Is Sindku semma li jrid jigi rikkonfermat li l Kunsill approva unanimament claim number 8 ghal Ministeru rigward ir Rigenerazzjoni ta Pjazza Santa Margerita li jinkludi kontijiet tal Perit Xerri. Il Kunsill kkonferma li din il claim 8 giet diga' approvata unanimament u li kontijiet kollha tal perit Xerri li huma nkuzi ma' din il claim kienu rawhom u approvawhom. M ghandu jkun hemm ebda dubju fuq din l approvazzzjoni taghhom sahaq il Kunsill kollu. U li l perit se jigi mhallas wara li din il claim tigi mhallsa mill MGOZ lil Kunsill minhabba li fondi extra m hemmx fil kaxxa tal Kunsill sabiex jigu mhallsa kontijiet li ghandhom x jaqsmu mal progett ta pjazza santa Margerita jekk ma jasslux minn MGOZ. Dan sabiex kollox ikun car ma' min xtaq li din il haga tigi ccarata.

1.4.5 Is sindku fahhar bil kbir lis Segretarja Marie Josette Vella Magro li l Kunsill Sannat ma ssemmhiex fil batal fl NAO report li ghadu kif ssemma fil gazzetti lokali. Ix xoghol ta' amminstrazzjoni fl Ufficju ta; Kunsill qed isir tajjeb hafna in konfront ma snin ta' qabel, u dan minkejja diskussjonijiet u argumenti li seta kien hemm mieghu fuq oggezzjonijiet sabiex hi taghmel ix xoghol taghha b'reqqa u korrettezza.

1.4.6 Gie mfakkar li fit 3 ta' jannar fis 7pm se jsir it treat ghal NGOs u l ghaqdiet tar rahal fil premises tal Kunsill, dan kif kien gie approvat diga f laqghat precedenti. Izjed tard f jannar se ssir l ikla tal istaff kollu flimkien mak Kunsillieria u l Kunsill approva din in nefqa ukoll.

Il vista lil President ta' Malta se ssir fid 9 ta' jannar u se tinghata d donazzjoni ta' gbir ta' fondi gha;l MCCF ta' 2023 u ta' 2024 fil World Child activity li saru ta Sannat. I s somma in cash se tkun depositata halli s sindku jiehu check mieghu.

Il Kunsill approva l attivitajiet tal Karnival, tad dramm tal Passjoni skond kif approvata u se jsiru xi laqghat bejn maria cassar Sultana u s sibku rigward attivata' ghal Easter skond kif kienet ssuggeriet din il Kunsilliera. Din se ssir biss jekk ikun hemm fondi bizzejjed u jekk il Kunsill unanimament japprova li ssir din l attivita' gdid f' ta Sannat.

1.4.7

## Komunikazzjoni mis-segretarja eżekuttiva

1.4.8 Gie pprezentat l performance appraisal tal asst principal kif unkoll dak tas segretarja. Gew approvati unanimament ta' Geraldine Mercieca Asst Principal ta' 6% u ta marie Josette Vella Magro Exec Seg ta' 10%.

Gie approvat il financial report ta' Q3 mill Kunsill kollu wara li raw id document u gie spjegat.

Gie approvat it tender tal enginerr li jerga johrog ghax skada u li diga hemm tal accountant u accountant technician approvati.

Rigward Triq ta Lewz meta gie mistoqsi s sindku wiegeb li MGOZ se jaghmlu t triq.

Il-kunsill rċieva l-konferma minn naħa tal-kap ta' l-iskola primarja Ta' Sannat, biex il-festin tat-tfal jiġi organizzat fis-sala ta' l-iskola. Ms. Camilleri talbet li wara l-
1.4.9 festin, isir it-tindif meħtieġ.

Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kunsill irċieva l-allokazzjoni li se jkollu l-kunsill għal din is-sena 2025. F'din l-allokazzjoni, ġiet mnaqqsa l-ammont li jkun hemm dovut lir-reġjun t'Għawdex, liema pagament huwa marbut ma' l-ispejjeż biex jinġabar iż-żibel. Is-sindku rrimarka, li qed jitħejja rapport li jkun jista' jintbagħat lid-dipartiment biex tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-kunsill. Dan għal-fatt, li l-popolazzjoni ta' Sannat qed tiżdied, kif ukoll f'dawn l-aħħar snin infetħu toroq ġodda, li jfisser, fost l-oħrajn, li jitwaħħlu bozoz godda f'dawn it-toroq.

1.4.7

Il-kuntratt ta' l-animal steward is-Sur. Noel Borg wasal biex jiskadi, u għalhekk, f'dan il-każ irid jiġi ffirmat kuntratt ġdid. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-ispiża fix-xahar marbuta ma' dan il-kuntratt tiġi koperta mid-dipartiment tal-Local Councils. Intbagħtet emejl lid-dipartiment, biex jiġi kkonfermat jew le, li fl-eventwalita' li jiġi ffirmat kuntratt ġdid, hux se jkun iffinanzjat mid-DLG, bħal ma sar fis-snin preċedenti. S'issa, ma kienx hemm konferma ta' approvozzjoni ta' din
1.4.8 it-talba, u l-kunsilliera qablu unanimament li dan jiġġedded, bil-kundizzjoni li dawn il-flus jiġu rifundati mid-DLG, għax il-kunsill m'għandux l-allokazzjoni finanzjarja biex ikopri dan il-kuntratt.

Wara l-attivitajiet li organizza l-kunsill marbuta maż-żmien il-Milied, il-kunsill
1.4.9 talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex biex isir it-tindif meħtieġ, speċjalment ġbir ta' boroz, knis u ħasil tal-pjazza. Is-segretarja eżekuttiva għamlet referenza għat-talba li għamel il-kunsill rigward it-tindif tal-ħmieġ tal-ħamiem, fejn qalet, li s'issa dawn il-ħaddiema għadhom ma ġewx. Rigward il-pjazzett tax-Xelina, is-sindku kkonferma li din ġiet mnaddfa minn wieħed mill-ħaddiema tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva semmiet, li fl-opinjoni tagħha hemm soluzzjoni li tista' tintuża biex tgerrex dan il-ħamiem selvaġġ, billi jitolbu lill xi ħadd
1.4.10 li għandu ajkla jew falkun u jtajru fl-akkwati fejn qed jissemma li hemm dan il-ħamiem selvaġġ. F'dan il-każ, il-ħamiem jitgerrex u ma jibqax fil-post, peress li l-falkun jew l-ajkla huma tajr tal-priża. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li se jġib kwotazzjoni mingħand individwi li għandhom dawn it-tajr tal-priża u jimxu minn hemm u jarw jekk hux possibbli u jekk hemmx dan is servizz f Malta.

Is-segretarja eżekuttiva reġgħet fakkret lill-kunsilliera, li jekk se tiġi organizzata xi event, huwa mportanti li jinfurmawha minn żmien qabel, peress li tkun trid iġib stimi marbuta ma' l-attivita' proposta.

Il-kunsill ġie nfurmat, li saret ġabra ta' ritratti antiki u anki xi filmati mill-passat, li eventwalment, dawn se jiġu 'uploaded' fuq il-website tal-kunsill. Id-dipartiment qed jistieden nies, li jekk għandhom xi ritratti antiki jew filmati, jagħmlu kuntatt ma xulxin biex dawn ikunu jistew jgħaddu lid-dipartiment f'dan l-ezerċizzju li għaddej. Il-kunsilliera Galea semmiet, li tkellmet ma' l-istoriku Fr.Bezzina fejn se jikteb

script żgħira fuq l-introduzzjoni tad-dawl ġo ta' Sannat, fejn missier il-kunsilliera Galea kien il-pijunier biex id-dawl jidħol ġo ta' Sannat.

1.4.11 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li d-dipartiment ġibed l-attenzjoni, biex ifakkar il-kunsilliera li fis-27 ta' Diċembru mit-8.00pm se jkun hemm ikla jew festin fir-restorant Horizon, il-Qbajjar. Din il-korrispondenza ntbagħtet permezz ta' emejl fejn hemm il-link biex il-kunsilliera jirreġistraw.

1.5 Rigward Triq il-Kbira, kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, il-kunsill għamel kuntatt ma' Transport Malta, fejn minn naħa tagħhom, talbu lill-kunsill xi ritratti marbuta mar-rikjesta li għamel il-kunsill. Ġie ssuġġeriet ukoll, minn naħa ta' Transport Malta, li jsir 'site visit' u jkun hemm ukoll rappreżentanza tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsilliera Cassar Sultana biex ma tkunx preżenti, peress li hemm kunflitt ta' interess.

1.6 Marbuta' mal-proġett tal-'playing field', bħalissa hemm 'query' minn naħa tal-kuntrattur li ħa t-tender fuq xi xogħol li jrid isir taħt il-'playing equipment' kif hemm stipulat fit-tender li ħareġ. Il-kuntrattur bagħat emejl lill-kunsill, fejn qed joġġezzjoni li ċertu xogħol mhux ir-responsabilta' tiegħu. Is-sindku ħa parir mingħand il-perit tal-kunsill, fejn dan ta' l-aħħar ikkonferma li dan ix-xogħol ta' bażi u livellar taħt il-'playing equipmet' hija responsabilta' diretta tal-kuntrattur. Is-sindku talab lis-segrewtarja eżekuttiva tibgħat l-emejl tal-kuntrattur lill-perit tal-kunsill, biex dan ikun jista' jibgħat ir-risposta bil-miktub lill-kuntrattur billi l kuntrattur ghandu miktub li jista' jikkonettja mal perit. Għal benefiċċju tal-kunsilliera, is-segretarja eżekuttiva qrat klawsola numru 12 li hemm fil-kuntratt.

1.7 Saret sejħa marbuta' ma proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej li tagħlaq fit-tlettax (13) ta' Mejju 2025. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kunsill għalaq kull proġett li kienu marbuta ma' dawn il-fondi li l-kunsill irnexxielu jakkwista. Fil-laqgħa li jmiss, se jiġu diskussa proposti mingħand il-kunsilliera, għax dawn jinvolvi ħafna xogħol ta' dokumentazzjoni biex jintlaħaq id-deadline stipulat.

1.8.1 Is-sindku qal, li ħarġet skema li tinvolvi għajnuna biex jitħawwlu siġar fir-raħal, parti mill-proġett nazzjonali biex ikun hemm aktar zoni ħodor. Il-segretarja eżekuttiva rrimarkat li din l-iskema tkopri biss għajnuna fit-tħawwil ta' siġar, li għalhekk iridu jinxtraw mill-kunsill.

Is-segretaja eżekuttiva qalet lill-kunsilliera, li bagħtet bħas-soltu l-applikazzjonijiet li saru ma' l-awtorita ta' l-ippjanar li għandhom x'jaqsmu mar-raħal ta' Sannat. Fakkret, li jekk bħala kunsill iridu iktar informazzjoni jew joġġezzjonaw għal xi zvilupp, irid isir kuntatt mal-perit tal-kunsill, biex dan jitfa' l-oġġezzjoni ma' l-awtorita' ta' l-ippjanar.

Ir-reġjun t'Għawdex qed jerġa' jqajjem l-uża ta' electric bikes, liema electric bikes kienu ngħataw mir-reġjun t'Għawdex lill kull kunsill, eżattament tlieta fin-numru, biex dawn ikunu jistew jintużaw miż-żgħażagħ taħt it-tmintax il-sena. Sfortunatament, dawn l-'electric bikes' ma setewx jiġu insured u konsegwentement, spiċċaw bla użu fil-garaxx li għandu l-kunsill. Ir-reġjun t'Għawdex, qed juru x-xewqa, li terġa tingħata spinta mill-kunsilli biex dawn jintużaw, fejn hawnhekk, il-kunsill ta' Sannat għamel avviż fuq il-paġna soċjali tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li hemm żewġ żgħażagħ li wrew interess, wieħed minnhom xħin intalab biex iġib l-ID card tal-ġenituri tiegħu kif mitlub, ma tfaċċax iktar u l-ieħor talab li jippruvah, pero' sfortunatemnt xħin inħarġu mill-garaxx, sabu l-battery mwaqqa' u bżonn ta' service. Il-batteries jiswew madwar sitt mitt ewro (€600) il-waħda u xi mitejn u ħamsin ewro (€250) service, spejjeż li l-kunsilliera qablu li ma jistew isiru mill-kunsill. Is-sindku semma, li Transport Malta torganizza 'Car free Day', fejn jiġi ppromovut iktar użu ta' roti u mixi u inqas karozzi. Hawnhekk, il-kunsill jista' jitlob biex marbuta' ma' din l-attivita', l-kunsill jingħata fondi biex jinxtraw batteries ġodda u hekk ikun qed iħajru iktar zgħażagħ biex jużaw l-electric bikes. Is-segretarja tal-kunsill, se titkellem ma'l-uffiċċjali tat-Transport Malta biex tikseb iktar informazzjoni fuq din l-attivita, data u possibilta' ta' xi fondi, biex ikunu jistew jinxtraw batteriji għal-'electric bikes'. Il Kunsill apprva li ma jsirux pagamenti li ghandhom x jaqqsmu ma EBikes bhalissa.

Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera li l-permess marbut mal Progett ta' Ġnien il-bidwi nħareġ mill-awtorita' ta' l-ippjanar, liema proġett s'issa mhemmx allokazzjoni finanzjarja allokata għalih.

l ssegretarja gibdet l attenzjoni li fil hargiet tal anzjani l ispejjez li qed isiru huma gholjin bejn ikel u trasport u meta kienu gew suggeriti originarjament, kellu jkun hemm pagament ghal kull ras. Kien imbaghad intqal li mid dhul kien se jkun hemm pagamenti versu it trasport u l ikel provdut lil anzjani imma dan mhux dejjem wasal specjalemnt fl ahhar ftit hargiet. Is sindku mera li dan ma kienx il fatt imma s segretarja semmiet li qed isir pagament lloum stess fl iskeda u hadd ma jista jmeri l fatt li kwazi f kull skeda l membri kollha tal kunsill kienu qed japprovaw dawn l ispejjez tal hargiet tal anzjani. Ukoll qalet li hadd ma jgiddibha fuq affarijiet bhal dawn u li kient se ggib rendikont tal ammonti minfuqa fuq trasport u ikel ghal hargiet tal anzjani fil laqgha li jmiss.

## Lmenti u suġġerimenti

Gew moqrija u l Kunsilliera kollha raw spreadsheet ippreparata mill Ufficju qabel kull laqgha u raw ukoll kif mexa l ufficju fuq kull talba jew lkment li kien hemm,. Ma kien hemm xejn li hemm bzonn l approvazzjoni tal Kunsill dan ix xahar.

Maria Cassar Sultana ssuggeriet li jsiru iktar attivatijiet fis sala tal Kunsill.

Semmiet ukoll li li kieku fil Christmas Market ikun hemm mizata zghira ghal kull bankarella jaghmel hafna sens.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 13 /2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru.13 /2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera ____Frances Galea_____________________. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsillier __Frances Galea__________________ u ssekondata mill-Kunsillier _____Franco Bajada___________________. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-_13:00______ u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-_23___________________ ta' Jannar 2025 fil-___13:00____.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar 2025

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva